**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI INFERJURI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Rikors numru: 13/2022/1 BS**

**Turnkey Limited**

**-vs-**

**Mark Anthony u Therese Margaret konjuġi Jones**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti Mark Anthony u Therese Margaret konjuġi Jones li ppremettew:**

*"Illi nhar il-Ġimgħa 21 ta' Lulju 2023 l-espoenti marru jiżbankaw xi flus mill-kontijiet taghhom mill-ATM tal-fergha tal-Bank of Vallett izda ma setghux, u wara li ndagaw ma' l-istess Bank skoprew li ghal xi raguni l-kont taghhom kien sekwestrat.*

*Illi sussegwentament l-esponenti marru l-Qorti ta' Ghawdex u skoprew li l-intimati kienu ottjenew l-hrug ta' sekwestru nru 110/23 fis-somma ta' hamest elef ewro (€ 5,000) (Dok A) in ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut permezz ta' ittra ufficjali notifikata taht id-dispozittiv tal-artikolu 166A tal-Kap 12 (Dok B).*

*Illi l-intimati qatt ma rcevew l-ittra ufficcjali suriferita u meta ottjenew kopja mir-Registru tal-Qorti ta' Ghawdex tal-imsemmija ittra ufficcjali skoprew li tali ittra ufficcjali giet notifikata f'indirizz zbaljat. Fil-fatt l-indirizz li l-intimat indika huma l-indirizz antik tal-esponenti gewwa l-Isla, Malta kif jirrizulta mill-istess ittra ufficjali, residenza li l-esponenti ilhom li telqu sitt snin ilu u marru jghixu Ghawdex kif jirrizulta mill-karta ta' identita' taghhom kopji taghhom hawn annessi u mmarkati Dok C u Dok D.*

*Illi kwindi l-esponenti qatt ma rcevew l-intimazzjoni ufficcjali regolarment u ghaldaqstant huma qatt ma gew innotifikati.*

*Illi di piu' l-mertu li wassal ghall-intimazzjoni ufficjali u hrug tal-mandat da parte ta' l-intimat huma dwar l-obbligazzjoni kuntrattwali bazat fuq kundizzjoni (la ma avverratx ruhha) in konnessjoni ma' appalt ta' xogholijiet fl-indirizz ta' Ghawdex fejn l-esponenti llum, u ghal dawn l-ahhar sitt snin, ilhom jghixu u kwindi anke l-intimat jaf li l-esponenti ma ghadhomx jghixu Malta imma proprju f'Ghawdex.*

*Illi kwindi huwa pacifiku li ma gewx sodisfatti r-rekwiziti tal-artikolu 166A et sequitur tal-Kap 12 da parte tal-intimati billi l-ittra ufficcjali ma gietx debitament notifikata lill-esponenti.*

*Ghaldaqstant a bazi tad-dispozittiv tal-artikoli 166A 5(1) u 166A (2), l-esponenti umilment jitolbu li din l-Qorti jghogobha tiddikjara n-nullita' tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-initimati permezz tal-intimazzjoni ufficcjali suriferita' u tirrexindi tali titolu ezekuttiv ghar-ragunijiet fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 13/22 tas-7 ta' Jannar 2023, tal-mandat ta' sekwestru numru 110/23, ta' eventwali kontromandati kif ukoll ta' din il-procedura kontra l-intimati."*

**Rat ir-risposta tas-soċjetà Turnkey Limited li eċċepew:**

*"Illi t-talbiet tal-intimati konjuġi Jones kontenuti fir-rikors tagħhom tal-ewwel (1) ta' Awissu 2023 huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

*Il-konjuġi Jones qegħdin jippruvaw jattakkaw il-validita tat-titolu eżkeuttiv ottenut mis-socjeta Turnkey Limited abbażi ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 166A(5)(i) u cioe li d-debituri konjuġi Jones ma kinux jafu b'dik l-ittra ufficjali għaliex huma qatt ma ġew notifikati kif imiss.*

*Jibda biex jingħad illi fl-ewwel lok l-indirizz fl-Isla Malta kien ġie provdut direttament lis-socjeta esponenti mill-intimati stess għall-fini ta' korrispondenza li seta' jkun hemm ħtieġa li tiġi skambjata bejn il-partijiet. Kopja tal-client information sheet li ġiet mimlija b'dettalji mogħtija mill-intimati infushom hija annessa u markata bħala* ***Dokument A****. Il-konjuġi Jones fl-ebda ħin ma infurmaw lis-socjeta esponenti b'xi tibdil tal-indirizz tagħhom. Il-fatt li l-konjuġi Jones applikaw sabiex ikollhom il-karta tal-identita tagħhom fuq il-propjeta akkwistata minnhom f'Għawdex u li għalhekk fir-Reġistru Elettorali beda jidher l-indirizz tagħhom ta' Għawdex mhux necessarjament ifisser li huma kienu qegħdin jirrisjedu f'Għawdex. Il-karta tal-identita u allura l-indirizz fir-Reġistru Elettorali tista' tkun indikazzjoni ta' residenza iżda mhijiex prova konklussiva tar-residenza abittwali tal-individwu.*[1] *Huwa ben not li f'Għawdex hawn diversi persuni Maltin li għandhom il-karta tal-identita tagħhom li jindika indirizz f'Għawdex iżda li effettivament huma m'humiex residenti f'Għawdex. Sempliciment il-karta tal-identita tiġi reġistrata fuq indirizz f'Għawdex biex l-individwu jkun jista' jottjeni certu beneficcji;*

*Illi fit-tieni lok jiġi senjalat li l-ittra ufficjali kienet tgħajjat specifikament lill-intimati. Li kieku l-intimati ma kien għad baqagħlhom l-ebda forma ta' kuntatt jew konnessjoni mal-fond fl-Isla Malta, dan kien jiġi indikat mill-ewwel lill-pustier li mar bl-ittra ufficjali. Normalment f'każijiet meta jsir tentattiv biex korrispondenza reġistrata (kif del resto kien dan l-att ufficjali) indirizzata lill-persuna jew persuni partikolari tkun notifikata f'indirizz partikolari u l-persuna li tiftaħ lill-pustier ma jkollha l-ebda konnessjoni mal-persuna li lilha jkun indirizzat l-att jew l-item li jkun reġistrat, din mill-ewwel tinforma lill-pustier li tali persuna jew persuni li lilhom qed tgħajjat il-korrispondenza m'għadhomx jirrisjedu f'dak l-indirizz jew inkella ma baqagħlhomx aktar konnessjoni ma' dak l-indirizz. F'każijiet simili, jiġi indikat li l-att ma jkunx wasal għax il-persuna*

[1] Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Ines Calleja et vs Nazzareno Ellul fejn intqal li:** *"ir-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista' tkun korroborattiva, u mhux necessarjament u dejjem tkun konklussiva"* Appell deċiż fid-29 ta' Novembru 1996.

*tkun "moved" jew inkella jkun hemm indikazzjoni fuq l-istess att li "person no longer residing at this address". Dan pero ma seħħx f'dan il-każ. Mill-pink cards li kien hemm annessi mal-ittra ufficjali jirriżulta li dawn ġew iffirmat minn C Jones detentur tal-karta tal-identita numru 0251019L. Dan jirriżulta li huwa iben l-istess intimata Theresa Margaret Jones. Kopja tal-att ufficjali intiera li tinkludi wkoll il-pink cards hija annessa u markata bħala* ***__Dokument B__****. Konferma li C Jones huwa iben Theresa Margaret Jones tinsab fid-dokument hawn anness u markat* ***__Dokument C__****. Dan kollu għalhekk huwa konferma li l-istess konjuġi Jones kien għad baqagħlhom konnessjoni mal-indirizz fl-Isla Malta. Dan kuntrarjament għall-impressjoni li jippruvaw jagħtu f'dan ir-rikors. Dan ifisser għalhekk li n-notifika li saret kienet waħda li hija valida u li hija in linea ma' dak li jistabilixxi l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jingħad wkoll illi kemm kien ilhom għaddejjin il-pendenzi bejn il-partijiet, is-socjeta Turnkey la kienet ġiet infurmata mill-konjuġi Jones sabiex il-korrispondenza tagħhom tintbagħat fl-indirizz ta' Għawdex u lanqas ma kellha opportunita biex tissuspetta li l-konjuġi Jones setgħu possibilment qed jużaw l-indirizz ta' Għawdex għall-fini ta' korrispondenza u li l-indirizz tal-Isla indikat mill-istess konjuġi Jones ma kienx għadu aktar validu. Dan anke għaliex il-korrispondenza bejn is-socjeta Turnkey Limited u l-konjuġi Jones kienet issir esklussivament bl-email. Dak li qed jiġi allegat mill-konjuġi Jones fir-rikors tagħhom għalhekk mhux korrett.*

*Fid-dawl tal-premess għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti konjuġi Jones għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

Rat li permezz ta digriet tat-18 ta Settembru, 2023 ir-rikors gie appuntat ghal provi ghal nhar l-20 ta Settembru, 2023.

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta Settembru, 2023 il-partijiet qablu li r-rikors jigi differit ghal nhar is-27 ta Settembru, 2023.

Rat li fis-seduta tas-27 ta Settembru, 2023 ir-rikorenti ghalqu l-provi kollha taghhom  u r-rikors gie differit ghal provi kollha tas-socjeta intimata u trattazzjoni ghas-seduta tas-6 ta Ottubru, 2023.

Rat li fis-seduta tas-6 ta Ottubru, 2023 is-socjeta intimata ressqet il-provi kollha taghha u l-partijiet trattaw ir-rikors.  Dak inhar ukoll ir-rikors gie differita ghall-provvediment ghal lum

**Ikkunsidrat.**

Dan tal-lum huwa procediment ai termini tal-art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz tieghu r-rikorrenti konjugi Jones qed imexxu kontra s-socjeta intimata Turnkey Limited sabiex jiksbu dikjarazzjoni ta' nullita' tat-titolu ezekuttiv li l-intimata kisbet kontra taghhom permezz tal-Ittra Ufficjali pprezentata fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Inferjuri nhar is-7 ta Jannar, 2022, numru 13/2022, u li kienet reza ezekuttiva billi ma giet ipprezentata l-ebda nota da parti tar-rikorrenti fiz-zmien preskritt ta tletin jum minn notifikata l-istess ittra ufficjali.

Illi skont l-imsemmi Art. 166A(5)(ii) titolu ezekuttiv bhal dak in kwistjoni jista' jigi ddikjarat null jekk:

(i) issir talba permezz ta' rikors;

(ii) fi zmien 20 ġurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew att gudizzjarju iehor imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv u

(iii) l-ittra uffiċċjali ma jkunx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1) (2) jew (3) tas-succitat Artikolu 166A u cjoe` ghadd ta' formalitajiet bhat-twissija lill-intimati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' oppożizzjoni fit-terminu stabbilit, u l-uzu tal-forma tal-ittra ufficcjali kif preskritta, u l-ammont ta' kreditu li jkun permess li jintalab permezz ta' din il-proċedura.

Ebda raġuni oħra ma tista' tinghata ghall-oppożizzjoni tat-titolu ezekuttiv - (Art. 166A(6)).

Jirrizulta, u dan minn qari tan-nota marginali biswit l-Artikolu 166A tal-Kap 12, li l-ittra ufficjali hemm kontemplata tikkostitwixxi 'Proceduri specjali'. Tant hu hekk illi din il- procedura hija wahda straordinarja ghaliex tikkonverti pretensjoni f'titolu ezekuttiv, minghajr il-htiega li ssir kawza, kemm-il darba l-intimat ma jirreġistrax l-oppozizzjoni tieghu fi zmien tletin jum minn notifika lilu ta l-ittra. Nuqqas ta oppozizzjoni issarraf biex l-intimat jispicca minghajr difiza u sprovvist minn kull garanzija gudizzjarja li jista' jqanqal fil-procediment ta' kawza. Dan ifisser li l-procedura odjerna hija procediment mingħajr process gudizzjarju; izda *dura lex, sed lex* u l-Qorti għandha jdejha marbutin biha.

L-art. 166A tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

*166A. (1) F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€ 25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista ' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin: …*

*(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' , u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba:*

*Iżda ma jistax isir użu mid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali.*

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv: …*

*(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn."*

In vista ta dak ipprovdut fl-artikolu precitat sewwasew is-subinciz (2), l-ittra ufficjali trid tigi notifikata lid-debitur, gia rikorrenti fil-procedura odjerna. Il-htiega ta notifika hija important gia la darba kif gia inghad aktar 'l fuq fi procedura ta din ix-xorta in-nuqqas ta risposta da parti tad-debitur twassal ghal hrug ta mandati ezekuttivi kontra tieghu. Ghalhekk huwa certament important li il-process ta notifika jkun isegwi id-dettami tal-ligi *ad unguem*. Infatti gie ritenut illi " *Il-procedura tal-ittra ufficjali mahruga taht l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirceviha li ma tikkuntestahiex fiz-zmien prefiss. U ghax ghandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u rigidi, jekk mhux ukoll harxa, mahsuba sabiex jaghtu protezzjoni assoluta lil dawk li jircievu ittra ta' dik in-natura. La n-notifika ma saritx strettament kif trid il-ligi, l-intimata ghandha ggorr ir-responsabbilta' t'ghemilha*'" .[2]

Ghaldaqstant fil-kaz odjern, in vista tat-talba tar-rikorrenti l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa illi tindaga kif saret in-notifika lilhom mis-socjeta intimata ta l-ittra ufficajali tas-7 ta Jannar, 2022.

Sabiex notifika titqies valida u ai termini tal-ligi din trid issir skond kif preskritt fl--Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi notifika tista' ssir: -

i) Bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura direttament lill-persuna li għandha tirċevieha u dan irrispettivament minn fejn tinstab din il-persuna, jew –

ii) Billi l-kopja titħalla ma' persuna oħra fl-indirizz postali, fil-post fejn toqgħod, jew fejn taħdem il-persuna li għandha tirċevieha. Din il-persuna oħra għandha tkun (i) membru tal-familja jew tad-dar tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew (ii) fis-servizz tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew (iii) il-prokuratur tagħha, jew (iv) awtorizzata mill-persuna li għandha tirċievi l-ittra sabiex tirċievi l-posta tagħha.

[2] Maria Concetta Farrugia vs Patrick Cumbo, Rik. Nru. 209/2020VGA, deciz 13.3.2023

iii) Il-kopja ma' tistax titħalla f'idejn persuni ta' inqas minn 14-il sena jew f'idejn persuni li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni li tagħmilhom inkapaċi li jixhdu fuq in-notifika in kwistjoni.

Il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti fl-atti. Jirrizulta li r-rikorrenti jghixu Ghajnsielem u mhux l-Isla Malta. Ir-rikorrenta Theresa Margaret Jones infatti xehedet illi huma ghamlu zmien jghixu l-Isla ma ommha pero imbaghad meta l-fond gewwa Ghajnsielem kien rez abitabbli huma marru jghixu hemm. Mill-atti anke jirrizulta li l-indirizz fuq il-karta ta l-identita tar-rikorrenti huwa dak ta Ghajnsielem u mhux ta l-Isla.

Is-socjeta intimata mill-banda l-ohra targumenta li l-indirizz li hija nnotifikat l-ittra ufficjali fih kien dak indikat mir-rikorrenti stess fil-*client information sheet* li kienu ghaddew huma stess lis-socjeta intimata. Tinsisti li l-ittra ufficjali thalliet ma iben ir-rikorrenti u allura tali notifika hija valida.

Il-Qorti izda ma taqbilx ma dan l-argument billi fid-dawl ta dak ipprovdut fl-artikolu 187(1) gia citat il-fond fejt thalliet l-ittra ufficjali la kien il-fond ta residenza tar-rikorrenti, la kien il-post tax-xoghol taghhom u lanqas kien l-indirizz postali taghhom.

Ghaldaqstant hija l-fehma ta din il-Qorti illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma' ġietx notifikata kif imiss lir-rikorrenti. Tqis ukoll illi gia la darba n-notifika ma' saritx strettament kif trid il-liġi, is-socjeta intimata għandha ġġorr ir-responsabilta' t'għemilha.

**Decide.**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-rqagunijiet kollha gia mogħtija l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 13/2022 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant tirrevokah.

Bl-ispejjeż kontra s-socjeta intimata.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur